MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 408/2003

**Waldonet Limited**
**vs**

**Jason Mizzi**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-24 ta' Frar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u erbgha u sebghin lira Maltija (Lm174.00), kwantu ghal mija u dsatax-il lira Maltija (Lm119.00) prezz ta' servizz ta' internet connectivity rezi lill-konvenut u in kwantu ghal hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55.00) prezz ta' MODEM u splitter provduti lill-konvenut, li minkejja diversi weghdiet li kien ser ihallas baqa' inadempjenti. Qieghed jigi anness mal-avviz statement Dok.A tal-kont tal-konvenut li minnu jirrizulta akkuratament il-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici;**
**Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Michael Grech ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont imsemmi ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u erbgha u sebghin lira Maltija (Lm174.00) bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Gunju, 2003, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------